Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

21 ta' Settembru 2023*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Regolament (UE) 2016/399 – Artikolu 32 – Introduzzjoni mill-ġdid, b'mod temporanju, minn Stat Membru tal-kontroll fuq il-fruntieri interni tiegħu – Artikolu 14 – Deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul – Ekwiparazzjoni tal-fruntieri interni mal-fruntieri esterni – Direttiva 2008/115/KE – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 2(2)(a)"

Fil-Kawża C-143/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Marzu 2022, fil-kawża

**Association Avocats pour la défense des droits des étrangers (ADDE),**

**Association nationale d'assistance aux frontières pour les étrangers (ANAFE),**

**Association de recherche, de communication et d'action pour l'accès aux traitements (ARCAT),**

**Comité inter-mouvements auprès des évacués (Cimade),**

**Fédération des associations de solidarité avec tou.te.s les immigré.e.s (FASTI),**

**Groupe d'information et de soutien des immigré.e.s (GISTI),**

**Ligue des droits de l'homme (LDH),**

**Le paria,**

**Syndicat des avocats de France (SAF),**

**SOS – Hépatites Fédération**

vs

**Ministre de l'Intérieur,**

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

fil-preżenza ta’:

**Défenseur des droits,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba’ Awla),

komposta minn C. Lycourgos (Relatur), President tal-Awla, L. S. Rossi, J.-C. Bonichot, S. Rodin u O. Spineanu-Matei, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: M. Krausenböck, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-19 ta’ Jannar 2023,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Association Avocats pour la défense des droits des étrangers (ADDE), l-Association nationale d’assistance aux frontières pour les étrangers (ANAFE), l-Association de recherche, de communication et d’action pour l’accès aux traitements (ARCAT), il-Comité inter-mouvements auprès des évacués (Cimade), il-Fédération des associations de solidarité avec tou.te.s les immigré.e.s (FASTI), il-Groupe d’information et de soutien des immigré.e.s (GISTI), il-Ligue des droits de l’homme (LDH), Le paria, is-Syndicat des avocats de Franza (SAF) u l-SOS - Hépatites Fédération, minn P. Spinosi, avocat,

– għad-Défenseur des droits (id-Difensur tad-Drittijiet), minn C. Hédon, Défenseure des droits, M. Cauvin u A. Guitton, conseillères, assistiti minn I. Zribi, avocate,

– għall-Gvern Franċiż, minn A.-L. Desjonquères u J. Illouz, bħala aġenti,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, E. Borawska-Kędzierska u A. Siwek-Ślusarek, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Azéma, A. Katsimerou, T. Lilamand u J. Tomkin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-30 ta’ Marzu 2023,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen) (ĠU 2016, L 77, p. 1, iktar ’il quddiem il-“Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen”), kif ukoll tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn l-Association Avocats pour la défense des droits des étrangers (ADDE), l-Association nationale d'assistance aux frontières pour les étrangers (ANAFE), l-Association de recherche, de communication et d'action pour l'accès aux traitements (ARCAT), il-Comité inter-mouvements auprès des évacués (Cimade), il-Fédération des associations de solidarité avec tou.te.s les immigré.e.s (FASTI), il-Groupe d'information et de soutien des immigré.e.s (GISTI), il-Ligue des droits de l'homme (LDH), Le paria, is-Syndicat des avocats de Franza (SAF) u SOS - Hépatites Fédération, u l-Ministre de l'Intérieur (Franza) dwar il-legalità tal-ordonnance n° 2020-1733, du 16 décembre 2020, portant partie législative du code de l'entrée et du séjour des étrangers et du droit d'asile (id-Digriet Nru 2020-1733 tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-Parti Leġiżlattiva tal-Kodiċi dwar id-Dħul u r-Residenza ta' Barranin u d-Dritt għall-Ażil) (JORF tat-30 ta' Diċembru 2020, test Nru 41).

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen*

3 Skont l-Artikolu 2 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. 'fruntieri interni' tfisser:
   (a) il-fruntieri tal-art komuni, inklużi l-fruntieri tax-xmajjar u l-lagi, tal-Istati Membri;
   (b) l-ajruporti tal-Istati Membri għal titjiriet interni;
   (c) il-portijiet tal-baħar, tax-xmajjar u tal-lagi tal-Istati Membri għal kollegamenti regolari interni bil-*ferry*;

2. 'fruntieri esterni' tfisser il-fruntieri tal-art tal-Istati Membri, inklużi l-fruntieri tax-xmajjar u l-lagi, il-fruntieri marittimi u l-ajruporti, il-portijiet tax-xmajjar, tal-baħar u tal-lagi tagħhom, sakemm m'humiex fruntieri interni;

[...]"

4 It-Titolu II ta' dan il-kodiċi, li jirrigwarda l-"Fruntieri Esterni", jinkludi fih l-Artikoli 5 sa 21 tiegħu.

5 L-Artikolu 14 tal-imsemmi kodiċi, intitolat "Ċaħda tad-dħul", jipprevedi:

"1. Ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax il-kondizzjonijiet ta' dħul kollha stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u li mhux wieħed mill-kategoriji ta' persuni msemmija fl-Artikolu 6(5) għandu jiġi mċaħħad milli jidħol fit-territorji tal-Istati Membri. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċjali dwar id-dritt tal-asil u l-protezzjoni internazzjonali jew il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn twil.

2. Id-dħul jista' jiġi miċħud biss b'deċiżjoni sostanzjata li tagħti r-raġunijiet preċiżi għaċ-ċaħda. Id-deċiżjoni għandha tittieħed minn awtorità li tingħata s-setgħa mil-liġi nazzjonali. Hi għandha tidħol fis-seħħ immedjatament.

Id-deċiżjoni sostanzjata li ssemmi r-raġunijiet preċiżi għaċ-ċaħda tingħata permezz ta' formola standard, skont fl-Anness V, parti B, miktuba mill-awtorità li ngħatat is-setgħa mil-liġi nazzjonali biex tiċħad id-dħul. Il-formola standard mimlija għandha tingħata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, li għandu jirrikonoxxi li jkun irċieva d-deċiżjoni li tiċħad id-dħul permezz ta' dik il-formola.

Id-data dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-dħul tagħhom għal soġġorn qasir ikun ġie miċħud, għandha tiġi rreġistrata fl-EES f'konformità mal-Artikolu 6a(2) ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2226 [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU 2017, L 327, p. 20)].

3. Persuni li jkun mċaħħda d-dħul għandu jkollhom id-dritt ta' appell. L-appelli għandhom isiru skont il-liġi nazzjonali. Indikazzjoni bil-miktub dwar il-punti ta' kuntatt li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar rappreżentanti kompetenti biex jaġixxu f'isem iċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont il-liġi nazzjonali għandha wkoll tingħata liċ-ċittadin ta' pajiż terz.

L-applikazzjoni għal appell m'għandiex ikollha l-effett li tissospendi d-deċiżjoni li tiċħad id-dħul.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kumpens mogħti skont il-liġi nazzjonali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu, jekk l-appell jikkonkludi li d-deċiżjoni biex jiġi miċħud id-dħul ma kellhiex bażi, ikun intitolat għall-korrezzjoni tad-data mdaħħla fl-EES jew tat-timbru tad-dħul ikkanċellat, jew it-tnejn, u l-korrezzjoni ta' kwalunkwe kanċellazzjoni jew addizzjoni li tkun saret, mill-Istat Membru li jkun ċaħad id-dħul.

4. Il-gwardji tal-fruntieri għandhom jiżguraw li ċittadin ta' pajjiż terz li ġie miċħud lilu d-dħul ma jidħolx fit-territorju tal-Istat Membru konċernat.

5. L-Istati Membri għandhom jiġbru statistika dwar in-numru ta' persuni li jkun iċċaħdilhom id-dħul, ir-raġunijiet għaċċaħda, iċ-ċittadinanza tal-persuni li jkun iċċaħdilhom id-dħul u t-tip ta' fruntiera (art, ajru jew baħar) li fiha kien miċħud id-dħul u għandhom jippreżentaw din l-istatistika kull sena lill-Kummissjoni (Eurostat) skont ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-ġbir ta' statistika dwar ħaddiema barranin (ĠU 2007, L 199, p. 23)].

6. Regoli dettaljati li jirregolaw id-dħul miċħud jingħataw fil-parti A tal-Anness V."

6 It-Titolu III tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jirrigwarda l-"Fruntieri Interni", jinkludi fih l-Artikoli 22 sa 35 tiegħu.

7 L-Artikolu 25 tal-imsemmi kodiċi, intitolat "Qafas ġenerali għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni" jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Fejn, f'żona mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri interni jkun hemm theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' eċċezzjonalment jerġa' jintroduċi l-kontrolli fuq il-fruntieri fil-partijiet kollha tal-fruntieri interni tiegħu jew f'partijiet speċifiċi tagħhom għal perijodu limitat ta' mhux aktar minn 30 jum jew għall-perijodu prevedibbli

tat-theddida serja jekk il-perijodu jaqbeż it-30 jum. L-iskop u t-tul ta' żmien tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni m'għandux jaqbeż dak li hu strettament neċessarju b'risposta għat-theddida serja."

8 L-Artikolu 32 tal-istess kodiċi, intitolat "Dispożizzjonijiet li għandhom japplikaw meta l-kontrolli fuq il-fruntiera jiġu introdotti mill-ġdid fil-fruntieri interni", jipprovdi:

"Fejn jerġgħu jiġu introdotti kontrolli fuq il-fruntiera fil-fruntieri interni, id-dispożizzjonijiet rilevanti fit-Titolu II għandhom japplikaw *mutatis mutandis*."

9 Il-Parti A tal-Anness V tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen tipprevedi:

"1. Meta jiċħad dħul, il-gwardja tal-fruntiera kompetenti għandu:

(a) jimla l-formola standard għal dħul miċħud, kif muri fil-Parti B. Iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat għandu jiffirma l-formola u għandu jingħata kopja tal-formola ffirmata. Jekk iċ-ċittadin tal-pajjiż terz jirrifjuta li jiffirma, il-gwardja tal-fruntiera għandu jindika dan ir-rifjut fil-formola taħt it-taqsima 'kummenti';

(b) għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-dħul għal soġġorn qasir ġie miċħud, tiġi rreġistrata fl-EES id-data dwar iċ-ċaħda tad-dħul f'konformità mal-Artikolu 6a(2) ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2226;

(c) il-viżi jiġu annullati jew revokati, jekk ikun il-każ, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU 2009, L 243, p. 1)];

(d) għal ċittadin ta' pajjiż terz li r-rifjut tad-dħul tiegħu m'għandux ikun irreġistrat fl-EES, għandu jitwaħħal timbru tad-dħul fuq il-passaport, maqtugħ b'salib b'linka sewda li ma titħassarx, u biswitu fuq in-naħa tal-lemin, ukoll b'linka li ma titħassarx, tinkiteb/jinkitbu l-ittra/ittri li tikkorrispondi/jikkorrispondu għar-raġuni(jiet) għar-rifjut ta' dħul, li l-lista tagħhom hija mogħtija fuq il-formola standard għal dħul miċħud kif tidher fil-Parti B ta' dan l-Anness. Barra minn hekk, għal dawn il-kategoriji ta' persuni, il-gwardja tal-fruntiera għandha tniżżel kull ċaħda tad-dħul f'reġistru jew f'lista fejn tiddikjara l-identità u n-nazzjonalità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, ir-referenzi tad-dokument li jawtorizza liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex jaqsam il-fruntiera u r-raġuni għaliex inċaħad id-dħul, u d-data ta' tali ċaħda.

L-arranġamenti prattiċi għall-ittimbrar jinstabu fl-Anness IV.

2. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz, imċaħħad milli jidħol, ikun twassal fil-fruntiera minn trasportatur, l-awtorità lokalment responsabbli għandha:

(a) tordna lit-trasportatur jinkariga ruħu miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jittrasportah mingħajr dewmien lejn il-pajjiż terz minn fejn ikun inġieb, lejn il-pajjiż terz li jkun ħareġ id-dokument li jawtorizzah jaqsam il-fruntiera, jew lejn kwalunkwe pajjiż terz ieħor fejn huwa ggarantit il-permess tad-dħul, jew li jsib mezz ta' tkomplija tat-trasportazzjoni skond l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE [tat-28 ta' Ġunju 2001 li tissuplimenta d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 (ĠU 2001, L 187, p. 45)];

(b) sakemm titkompla t-trasportazzjoni, tieħu miżuri xierqa, skont il-liġi nazzjonali u wara li tqis iċ-ċirkostanzi lokali, biex ma tħallix li jidħlu illegalment iċ-ċittadini ta' pajjiż terz imċaħħda milli jidħlu."

10 Skont l-Artikolu 44 ta' dan il-kodiċi, intitolat "Tħassir":

"Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2006, L 105, p. 1)] hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness X."

11 Skont din it-tabella ta' korrelazzjoni, l-Artikolu 14 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jikkorrispondi għall-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 562/2006.

*Id-Direttiva 2008/115*

12 L-Artikolu 2(1) u (2) tad-Direttiva 2008/115 jipprovdi:

"1. Din id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju ta' Stat Membru.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-Direttiva għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li:

(a) huma soġġetti għal ċaħda ta' dħul, skond l-Artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jew li jkunu arrestati jew interċettati mill-awtoritajiet kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru u li ma jkunux sussegwentement kisbu awtorizzazzjoni jew dritt biex joqogħdu f'dak l-Istat Membru;

(b) huma soġġetti għal ritorn bħala sanzjoni tal-liġi kriminali jew bħala konsegwenza ta' sanzjoni tal-liġi kriminali, skond il-liġi nazzjonali jew li huma soġġetti għal proċeduri ta' estradizzjoni."

13 Skont l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva:

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni [direttiva] għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

(2) 'soġġorn illegali' tfisser il-preżenza fit-territorju ta' Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew kondizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru;

(3) 'ritorn' tfisser il-proċess tat-tluq lura ta' ċittadin ta' pajjiż terz - kemm jekk b'konformità volontarja ma' obbligu ta' ritorn kif ukoll jekk infurzat - għal:

– il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, jew

– pajjiż ta’ transitu skond ftehim ta’ riammissjoni Komunitarja jew bilaterali jew arranġamenti oħra, jew

– pajjiż terz ieħor, li għalih iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat volontarjament jiddeċiedi li jirritorna u li fih hu jew hi ser jiġi aċċettat;

[…]”

14 L-Artikolu 4(4) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

“Fir-rigward ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva skond l-Artikolu 2(2)(a) l-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw li t-trattament tagħhom u l-livell ta’ protezzjoni ma jkunx inqas favorevoli minn dak stabbilit fl-Artikolu 8(4) u (5) (limitazzjonijiet fuq l-użu ta’ miżuri koerżivi), l-Artikolu 9(2)(a) (posponiment tat-tneħħija), l-Artikolu 14(1)(b) u (d) (kura tas-saħħa f’emerġenza u b’kont meħud tal-bżonnijiet ta’ persuni vulnerabbli) u l-Artikoli 16 u 17 (kondizzjonijiet tad-detenzjoni) u

(b) jirrispettaw il-prinċipju ta’ non-refoulement.”

15 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 jipprovdi:

“Fl-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont dovut ta’:

(a) l-aħjar interessi tat-tfal,

(b) il-ħajja familjari,

(c) l-istat tas-saħħa taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz konċernat u

jirrispettaw il-prinċipju ta’ non-refoulement.”

16 L-Artikolu 6 ta’ din id-direttiva jipprovdi:

“1. L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta’ ritorn għal ċittadin ta’ pajjiż terz li qed jissoġġorna illegalment fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Ċittadini ta’ pajjiżi terzi li qed jissoġġornaw illegalment fit-territorju ta’ Stat Membru u għandhom permess ta’ residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta’ soġġorn maħruġa minn Stat Membru ieħor, għandhom jintalbu jmorru fit-territorju ta’ dak l-Istat Membru minnufih. Fil-każ ta’ non-konformità miċ-ċittadin ta’ pajjiż terz konċernat ma’ din il-ħtieġa, jew fejn it-tluq immedjat taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikun meħtieġ għal raġunijiet ta’ ordni pubbliku jew ta’ sigurtà nazzjonali, għandu japplika l-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għad-deċiżjoni ta’ ritorn għal ċittadin ta’ pajjiż terz li qed joqgħod illegalment fit-territorju tagħhom jekk iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz konċernat jittieħed lura minn Stat Membru ieħor skond ftehim jew arranġamenti bilaterali eżistenti fid-data tad-dħul

fis-seħħ ta' din id-Direttiva. F'dan il-każ l-Istat Membru li jkun ħa lura ċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu japplika l-paragrafu 1."

17 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tipprevedi perijodu adegwat għat-tluq volontarju ta' bejn sebat ijiem u tletin jum, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 4. L-Istati Membri għandhom jipprevedu fil-leġislazzjoni nazzjonali li tali perijodu għandu jingħata biss wara applikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi konċernati dwar il-possibbiltà li jippreżentaw tali applikazzjoni."

18 L-Artikolu 15(1) tal-istess direttiva jipprovdi:

"Dment li ma jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv miżuri oħrajn suffiċjenti iżda inqas koersivi fil-każ speċifiku, l-Istati Membri jistgħu biss iżommu f'detenzjoni ċittadin ta' pajjiż terz, li hu suġġett għal proċeduri ta' ritorn biex jitħejja r-ritorn u/jew jitwettaq il-proċess ta' tneħħija, partikolarment meta:

(a) jkun hemm riskju ta' ħarba, jew

(b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat jevita jew ifixkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija.

Kwalunkwe detenzjoni għandha tkun għal perijodu kemm jista' jkun qasir u għandha tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta."

### *Id-dritt Franċiż*

19 L-Artikolu L. 213-3-1 tal-code de l'entrée et du séjour des étrangers et du droit d'asile (il-Kodiċi dwar id-Dħul u r-Residenza ta' Barranin u d-Dritt għall-Ażil), fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mil-loi nº 2018-778, du 10 septembre 2018, pour une immigration maîtrisée, un droit d'asile effectif et une intégration réussie (il-Liġi Nru 2018-778 tal-10 ta' Settembru 2018 dwar immigrazzjoni kkontrollata, dritt għall-ażil effettiv u integrazzjoni b'suċċess) (JORF tal-11 ta' Settembru 2018, test Nru 1) (iktar 'il quddiem iċ-"Ceseda preċedenti"), kien jipprovdi:

"F'każ ta' introduzzjoni temporanja mill-ġdid ta' kontroll fuq il-fruntieri interni, prevista fil-Kapitolu II tat-Titolu III [tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen], id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu L. 213-2 jistgħu jittieħdu fil-konfront ta' persuna barranija li tkun ġejja direttament mit-territorju ta' Stat li huwa parti għall-Konvenzjoni ffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 u li tkun daħlet fit-territorju metropolitan billi qasmet fruntiera interna fuq l-art mingħajr ma kienet awtorizzata tagħmel dan u tkun ġiet suġġetta għal kontroll f'żona bejn din il-fruntiera u linja għaxar kilometri 'l ġewwa minnha. Il-proċeduri ta' dawn il-kontrolli huma ddefiniti permezz ta' digriet tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat)."

20 Id-Digriet Nru 2020-1733 ifformula mill-ġdid il-parti leġiżlattiva tal-Kodiċi dwar id-dħul u r-residenza tal-barranin u d-dritt għall-ażil. L-Artikolu L. 332-2 ta' dan il-kodiċi kif emendat (iktar 'il quddiem iċ-"Ceseda emendat") jipprovdi:

"Id-deċiżjoni ta' rijfut ta' dħul, li għandha tkun bil-miktub u motivata, għandha tittieħed minn uffiċjali ta' kategorija stabbilita mir-regolamenti.

In-notifika tad-deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul għandha ssemmi d-dritt tal-persuna barranija li tavża jew li tara li tiġi avżata l-persuna li hija kienet indikat li kienet ser tmur għandha, il-konsulat tagħha jew l-avukat tal-għażla tagħha. Hija għandha ssemmi d-dritt tal-persuna barranija li tirrifjuta li tintbagħat lura pajjiżha qabel ikun għadda jum sħiħ taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu L. 333-2.

Id-deċiżjoni u n-notifika tad-drittijiet li takkumpanjaha għandhom jiġu kkomunikati lilha f'lingwa li hija tifhem.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-persuni vulnerabbli, b'mod partikolari għat-tfal akkumpanjati jew mhux akkumpanjati minn adult."

21 L-Artikolu L. 332-3 taċ-Ceseda emendat jipprevedi:

"Il-proċedura prevista fl-Artikolu L. 332-2 tapplika għad-deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul li tittieħed fil-konfront ta' persuna barranija skont l-Artikolu 6 tal-[Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen]. Hija għandha tapplika wkoll meta jsiru kontrolli fuq il-fruntiera interna fil-każ li jiġu introdotti mill-ġdid b'mod temporanju l-kontrolli fuq il-fruntieri interni taħt il-kundizzjonijiet previsti fil-Kapitolu II tat-Titolu III tal-[Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen]."

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

22 L-assoċjazzjonijiet imsemmija fil-punt 2 ta' din is-sentenza jikkontestaw quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), fil-kuntest ta' rikors għal annulament kontra d-Digriet Nru 2020-1733, il-validità ta' dan tal-aħħar minħabba li, b'mod partikolari, l-Artikolu L. 332-3 taċ-Ceseda emendat, li rriżulta proprju minn dan id-digriet, imur kontra d-Direttiva 2008/115 billi jippermetti li jittieħdu deċiżjonijiet ta' rifjut ta' dħul fil-fruntieri interni fejn jkunu ġew introdotti mill-ġdid kontrolli.

23 Din il-qorti tispjega, fil-fatt, li fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Marzu 2019, Arib *et* (C-444/17, EU:C:2019:220), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115, moqri flimkien mal-Artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, ma japplikax għas-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, arrestat fil-viċinanzi immedjati ta' fruntiera interna u li jkun qiegħed jirrisjedi b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru, anki fejn dan l-Istat Membru jkun introduċa mill-ġdid, bis-saħħa tal-Artikolu 25 ta' dan il-kodiċi, il-kontroll fuq dik il-fruntiera, minħabba theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-imsemmi Stat Membru.

24 Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jenfasizza li, fid-Deċiżjoni tiegħu Nru 428175 tas-27 ta' Novembru 2020, huwa ddeċieda li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu L. 213-3-1 taċ-Ceseda preċedenti, li kienu jipprevedu li, fil-każ ta' introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni, il-persuna barranija li tkun ġejja direttament mit-territorju ta' Stat li huwa parti għall-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, li ġie ffirmat f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 u li daħal fis-seħħ fis-26 ta' Marzu 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, V. 2, p, 9, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Schengen"), setgħet tkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul taħt il-kundizzjonijiet tal-Artikolu L. 213-2 taċ-Ceseda

preċedenti fejn din tkun daħlet fit-territorju metropolitan billi qasmet fruntiera interna fuq l-art mingħajr ma kienet awtorizzata tagħmel dan u tkun ġiet suġġetta għal kontroll f'żona bejn din il-fruntiera u linja għaxar kilometri 'l ġewwa minnha, imorru kontra d-Direttiva 2008/115.

25 Fil-fehma tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat), huwa minnu li l-Artikolu L. 332-3 taċ-Ceseda emendat ma jirriproduċix id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu L. 213-3-1 taċ-Ceseda preċedenti. Madankollu, l-Artikolu L. 332-3 taċ-Ceseda emendat jipprevedi wkoll li deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul tista' tittieħed waqt li jsiru l-kontrolli fuq il-fruntieri interni fil-każ ta' introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fuq dawn il-fruntieri taħt il-kundizzjonijiet previsti fil-Kapitolu II tat-Titolu III tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

26 Din il-qorti tqis, għalhekk, li għandu jiġi ddeterminat jekk, f'tali każ, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, li jkun ġej direttament mit-territorju ta' Stat parti għall-Konvenzjoni ta' Schengen u li jippreżenta ruħu f'punt ta' qsim awtorizzat tal-fruntiera, mingħajr ma jkollu fil-pussess tiegħu dokumenti li jiġġustifikaw awtorizzazzjoni ta' dħul jew dritt ta' residenza fi Franza, jistax jiġi rrifjutat dħul, abbażi tal-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament, mingħajr ma d-Direttiva 2008/115 tkun applikabbli.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Fil-każ ta' introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni, taħt il-kundizzjonijiet previsti fil-Kapitolu II tat-Titolu III [tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), barrani li jkun ġej direttament mit-territorju ta' Stat li huwa parti għall-[Konvenzjoni ta' Schengen] jista' jiġi suġġett għal deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul, fil-mument tal-verifiki mwettqa f'din il-fruntiera, fuq il-bażi tal-Artikolu 14 ta' dan [il-kodiċi] mingħajr ma d-Direttiva [2008/115] tkun applikabbli?"

**Fuq id-domanda preliminari**

28 Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob, essenzjalment, jekk il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u d-Direttiva 2008/115 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, fejn Stat Membru jkun introduċa mill-ġdid kontrolli fuq il-fruntieri interni tiegħu, dan jista' jieħu deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul, fis-sens tal-Artikolu 14 ta' dan il-kodiċi, fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jippreżenta ruħu f'punt ta' qsim awtorizzat tal-fruntiera fejn isiru tali kontrolli, mingħajr ma jkun suġġett għall-osservanza ta' din id-direttiva.

29 L-Artikolu 25 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jawtorizza, b'mod eċċezzjonali u taħt ċerti kundizzjonijiet, lil Stat Membru jintroduċi mill-ġdid b'mod temporanju kontrolli fuq il-fruntieri fil-partijiet kollha jew f'partijiet speċifiċi tal-fruntieri interni tiegħu fil-każ ta' theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna ta' dan l-Istat Membru. Skont l-Artikolu 32 ta' dan il-kodiċi, fejn jiġu introdotti mill-ġdid kontrolli fuq il-fruntieri interni, id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titolu II tal-imsemmi kodiċi, li jirrigwarda l-fruntieri esterni, għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

30 Dan huwa l-każ tal-Artikolu 14 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jipprevedi li ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet ta' dħul kollha stabbiliti fl-Artikolu 6(1) ta' dan il-kodiċi u li ma jaqax taħt wieħed mill-kategoriji ta' persuni msemmija fl-Artikolu 6(5) għandu jiġi mċaħħad milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.

31 Madankollu, għandu jitfakkar li ċittadin ta' pajjiż terz li, wara li jidħol b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru, ikun preżenti f'dan it-territorju mingħajr ma jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dħul, ta' soġġorn jew ta' residenza, ikun, fid-dawl ta' dan, qiegħed jirrisjedi hemmhekk b'mod irregolari, fis-sens tad-Direttiva 2008/115. Dan iċ-ċittadin jaqa', għalhekk, skont l-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva u bla ħsara għall-Artikolu 2(2) tagħha, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva, mingħajr ma din il-preżenza fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat tkun suġġetta għal kundizzjoni ta' tul ta' żmien minimu jew ta' intenzjoni li wieħed jibqa' f'dak it-territorju. Għalhekk, huwa għandu, bħala prinċipju, jiġi suġġett għall-istandards u għall-proċeduri komuni previsti minn din l-istess direttiva għat-tneħħija tiegħu, u dan kemm-il darba r-residenza tiegħu ma tkunx, skont il-każ, ġiet regolarizzata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2019, Arib *et*, C-444/17, EU:C:2019:220, punti 37 u 39, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

32 Dan jgħodd ukoll fejn dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun inqabad f'punt ta' qsim tal-fruntiera, kemm-il darba dan il-punt ta' qsim tal-fruntiera jkun jinsab fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, tabilħaqq, li persuna tista' tidħol fit-territorju ta' Stat Membru qabel ma saħansitra taqsam punt ta' qsim tal-fruntiera (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Frar 2020, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Reġistrazzjoni tal-baħħara fil-port ta' Rotterdam), C-341/18, EU:C:2020:76, punt 45).

33 Għandu wkoll jiġi ppreċiżat, pereżempju, li, fejn isiru kontrolli abbord ferrovija bejn il-mument x'ħin dik il-ferrovija titlaq mill-aħħar stazzjon, li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li jaqsam fruntiera interna ma' Stat Membru li jkun introduċa mill-ġdid kontrolli fuq il-fruntieri interni tiegħu, u l-mument x'ħin l-imsemmija ferrovija tasal fl-ewwel stazzjon li jinsab fit-territorju ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar, il-kontroll abbord dik l-istess ferrovija għandu, kemm-il darba dawn iż-żewġ Stati Membri ma jkunux ftiehmu xort'oħra, jitqies bħala kontroll li jkun sar f'punt ta' qsim tal-fruntiera li jinsab fit-territorju tal-Istat Membru li jkun introduċa mill-ġdid tali kontrolli. Fil-fatt, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ġie suġġett għal kontrolli abbord ta' din il-ferrovija neċessarjament jirrisjedi, wara li jkunu saru dawn il-kontrolli, fit-territorju ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/115.

34 Fid-dawl ta' dan, għandu jiġi rrilevat ukoll li l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/115 jippermetti lill-Istati Membri jeskludu, b'mod eċċezzjonali u taħt ċerti kundizzjonijiet, iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu b'mod irregolari fit-territorju tagħhom mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

35 B'hekk, minn naħa, dan l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/115 jippermetti, fil-punt (a) tiegħu, lill-Istati Membri ma japplikawx din tal-aħħar, bla ħsara għar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 4(4) tagħha, f'żewġ sitwazzjonijiet speċifiċi, jiġifieri dik ta' ċittadini ta' pajjiż terz li huma s-suġġett ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul fi fruntiera esterna ta' Stat Membru, skont l-Artikolu 14 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jew dik ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu arrestati jew interċettati meta jaqsmu tali fruntiera esterna b'mod irregolari u li ma jkunux sussegwentement kisbu l-awtorizzazzjoni jew id-dritt li jirrisjedu fl-imsemmi Stat Membru.

36 Fid-dawl ta' dan, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet jirrigwardaw esklużivament il-qsim ta' fruntiera esterna ta' Stat Membru, kif iddefinita fl-Artikolu 2 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u għalhekk ma jikkonċernawx il-qsim ta' fruntiera komuni ta' Stati Membri li jagħmlu parti miż-żona Schengen, anki fejn ikunu ġew introdotti mill-ġdid kontrolli fuq din il-fruntiera, bis-saħħa tal-Artikolu 25 ta' dan il-kodiċi,

minħabba theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna ta' dan l-Istat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2019, Arib *et*, C-444/17, EU:C:2019:220, punti 45 u 67).

37 Minn dan isegwi, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 35 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 ma jawtorizzax Stat Membru, li jkun introduċa mill-ġdid kontrolli fuq il-fruntieri tiegħu, jidderoga mill-istandards u mill-proċeduri komuni previsti minn din id-direttiva sabiex ineħħi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ġie interċettat, mingħajr permess ta' residenza validu, f'punt ta' qsim tal-fruntiera li jinsab fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u fejn isiru tali kontrolli.

38 Min-naħa l-oħra, għalkemm l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/115 jawtorizza, fil-punt (b) tiegħu, l-Istati Membri ma japplikawx din id-direttiva għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu suġġetti għal sanzjoni kriminali li tipprevedi jew li għandha bħala konsegwenza r-ritorn tagħhom, skont id-dritt nazzjonali, jew li jkunu suġġetti għal proċeduri ta' estradizzjoni, għandu jiġi kkonstatat li każ bħal dan ma huwiex dak previst mid-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

39 Minn dak kollu premess jirriżulta, minn naħa, li Stat Membru li jkun introduċa mill-ġdid kontrolli fuq il-fruntieri interni tiegħu jista' japplika, *mutatis mutandis*, l-Artikolu 14 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, kif ukoll il-punt 1 tal-Parti A tal-Anness V ta' dan il-kodiċi, fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jiġi interċettat, mingħajr permess ta' residenza regolari, f'punt ta' qsim awtorizzat tal-fruntiera jew fejn isiru tali kontrolli.

40 Min-naħa l-oħra, fejn dan il-punt ta' qsim tal-fruntiera jkun jinsab fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, dan tal-aħħar għandu, madankollu, jiżgura li l-konsegwenzi ta' tali applikazzjoni, *mutatis mutandis*, tad-dispożizzjonijiet iċċitati fil-punt ta' qabel ma jwasslux sabiex jiġu injorati l-istandards u l-proċeduri komuni previsti mid-Direttiva 2008/115. Il-fatt li dan l-obbligu tal-Istat Membru kkonċernat jista' jneħħi parti kbira mill-effikaċja ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul li tista' tittieħed fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jippreżenta ruħu f'waħda mill-fruntieri interni ma huwiex ta' natura li jbiddel konstatazzjoni bħal din.

41 Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-direttiva, għandu jitfakkar, b'mod partikolari, li mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115 jirriżulta li kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed jirrisjedi b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru għandu, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-artikolu u b'osservanza stretta tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, ikun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn, li għandha tidentifika, fost il-pajjiżi terzi msemmija fil-punt 3 tal-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, dak li lejh dan għandu jitneħħa (sentenza tat-22 ta' Novembru 2022, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Tneħħija – Kannabis terapewtika), C-69/21, EU:C:2022:913, punt 53).

42 Barra minn hekk, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun is-suġġett ta' tali deċiżjoni ta' ritorn għandu wkoll, bħala prinċipju, igawdi, bis-saħħa tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/115, minn ċertu terminu sabiex jitlaq minn jeddu mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat. It-tneħħija furzata sseħħ biss meta ma jkunx hemm għażla oħra, skont l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, u bla ħsara għall-Artikolu 9 tagħha, li jobbliga lill-Istati Membri jipposponu t-tneħħija fil-każijiet hemmhekk stabbiliti (sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali), C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 252).

43 Barra minn hekk, mill-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115 jirriżulta li d-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed jirrisjedi b'mod irregolari tista' tiġi imposta biss f'ċerti każijiet speċifiċi. Fid-dawl ta' dan, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 46 tal-konklużjonijiet tiegħu, dan l-artikolu ma jipprekludix li, fejn ikun ta' theddida reali, attwali u suffiċjentement serja għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà interna, dan iċ-ċittadin ikun is-suġġett ta' miżura ta' detenzjoni pendenti t-tneħħija tiegħu, kemm-il darba din id-detenzjoni tosserva l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 18 ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Lulju 2020, Stadt Frankfurt am Main, C-18/19, EU:C:2020:511, punti 41 sa 48).

44 Barra minn hekk, id-Direttiva 2008/115 ma teskludix il-possibbiltà li l-Istati Membri jissanzjonaw b'piena ta' priġunerija t-twettiq ta' delitti apparti dawk marbuta mal-fatt biss ta' dħul irregolari, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn il-proċedura ta' ritorn stabbilita minn din id-direttiva tkun għadha ma ġietx fi tmiemha. Għalhekk, l-imsemmija direttiva lanqas ma tipprekludi l-arrest jew id-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed jirrisjedi b'mod irregolari fejn tali miżuri jittieħdu minħabba li jkun hemm suspett li l-imsemmi ċittadin ikun wettaq delitt ieħor apparti s-sempliċi dħul irregolari tiegħu fit-territorju nazzjonali, u b'mod partikolari delitt li jista' jhedded l-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna tal-Istat Membru kkonċernat (sentenza tad-19 ta' Marzu 2019, Arib *et*, C-444/17, EU:C:2019:220, punt 66).

45 Minn dan isegwi li, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-Gvern Franċiż, l-applikazzjoni, f'każ bħal dak imsemmi fit-talba għal deċiżjoni preliminari, tal-istandards u tal-proċeduri komuni previsti mid-Direttiva 2008/115 ma hijiex ta' natura li tagħmel impossibbli ż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna, fis-sens tal-Artikolu 72 TFUE.

46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha premessi, ir-risposta għad-domanda preliminari għandha tkun li l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u d-Direttiva 2008/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fejn Stat Membru jkun introduċa mill-ġdid kontrolli fuq il-fruntieri interni tiegħu, huwa jista' jieħu deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jippreżenta ruħu f'punt ta' qsim awtorizzat tal-fruntiera li jinsab fit-territorju tiegħu u fejn isiru tali kontrolli, bis-saħħa ta' applikazzjoni *mutatis mutandis* tal-Artikolu 14 ta' dan il-kodiċi, kemm-il darba l-istandards u l-proċeduri komuni previsti minn din id-direttiva jiġu applikati għal dan iċ-ċittadin għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

47 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) u d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment**

**għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

**fejn Stat Membru jkun introduċa mill-ġdid kontrolli fuq il-fruntieri interni tiegħu, huwa jista' jieħu deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jippreżenta ruħu f'punt ta' qsim awtorizzat tal-fruntiera li jinsab fit-territorju tiegħu u fejn isiru tali kontrolli, bis-saħħa ta' applikazzjoni *mutatis mutandis* tal-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament, kemm-il darba l-istandards u l-proċeduri komuni previsti mid-Direttiva jiġu applikati għal dan iċ-ċittadin għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu.**

Firem